# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 31 ta` Ottubru 2016**

**Kawza Nru. 10**
**Rik. Gur. Nru. 1058/2010 JZM**

**Costantino Muscat et**

***kontra***

**Nazzareno Muscat et**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment finali dwar rikors li pprezentaw il-konvenuti fit-13 ta` Settembru 2016.**

## I. <u>Preliminari</u>

Illi ghar-ragunijiet indikati fir-rikors taghhom, il-konvenuti talbu r-rikuza tal-Imhallef sedenti sabiex jastjeni milli jkompli jisma` l-kawza fl-ismijiet premessi.

Illi fl-istess jum tal-presentata tar-rikors, il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti u tathom erbat (4) ijiem zmien biex iwiegbu.

Illi l-atturi pprezentaw risposta fit-22 ta` Setembru 2016 fejn, ghar-ragunijiet illi semmew, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tal-konvenuti kif dedotta.

Illi r-rikors kien ittrattat fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2009.

Illi mbaghad ir-rikors thalla ghall-udjenza tal-lum sabiex jinghata provvediment finali.

## II. <u>Il-premessi attrici fil-kawza fl-ismijiet "Nazzareno Muscat et vs Mariano Farrugia et" (Rik. Gur. Nru. 1211/11 JZM)</u>

Il-premessi jaqraw hekk :

*1. Illi l-atturi huma sidien flimkien ta` zewg porzjonijiet indivizi ekwivalenti ghal tnejn minn tmienja (2/8) tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq u dan wara li :*

*i) permezz ta` testment datat 9 ta` Dicembru 1992, maghmul min-Nutar Remigio Zammit Pace, (Dok A), Manwel Muscat innomina bhala eredi universali tieghu lill-atturi fil-proprjeta` kollha tieghu, inkluz porzjon indiviz ta` wiehed minn tmienja (1/8) tal-fond numru 3 fi Quarry Junction, Zurrieq li dan it-testatur kien wiret minghand il-genituri tieghu Giovanni u Angela Muscat (li jigu n-nanniet tal-attur Nazzareno Muscat) skont testment datat 17 ta` Jannar 1957 redatt min-Nutar Nicola Said (Dok B), stante li fost l-assi ereditarji taghhom kien hemm il-fond numru 3 fi Quarry Junction, Zurrieq li kien il-post tal-abitazzjoni taghhom, kif jirrizulta mill-kopja tar-registru elettorali tal-1957 (Dok C) ;*

*ii) permezz ta` testment iehor datat 9 ta` Dicembru 1992, maghmul min-Nutar Remigio Zammit Pace (Dok D), Vittorio Muscat innomina bhala eredi universali tieghu lill-atturi fil-proprjeta` kollha tieghu, inkluz porzjon indiviz ta` wiehed minn tmienja (1/8) tal-fond numru 3, fi Quarry Junction, Zurrieq li dan it-testatur kien wiret minghand il-genituri tieghu Giovanni u Angela Muscat (li jigu n-nanniet tal-attur Nazzareno Muscat) skont testment datat 17 ta` Jannar 1957 redatt min-Nutar Nicola Said (Dok B), stante li fost*

*l-assi ereditarji taghhom kien hemm il-fond numru 3 fi Quarry Junction, Zurrieq li kien il-post tal-abitazzjoni taghhom kif jirrizulta mill-kopja tar-registru elettorali tal-1957 (Dok C) ; u*

*iii) illi l-atturi wirtu wkoll bejniethom zewg ishma ta` wiehed minn sitta u hamsin (1/56) parti li z-zijiet tal-attur Manwel u Vittorio kienu wirtu minghand ohthom Giuseppa xebba Muscat, peress li sehemha ta` wiehed minn tmien (1/8) porzjon li wirtet hi, inqasam indaqs fuq hutha wara li mietet intestata.*

*2. Illi l-attur Nazzareno Muscat wahdu, huwa wkoll sid ta` zewg porzjonijiet indivizi tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq u dan peress illi :*

*i) huwa wiret porzjon wiehed minn tmienja u tmenin (1/88) minghand missieru Francesco Muscat, wara li d-defunt Francesco Muscat kien wiret is-sehem ta` wiehed minn tmienja fuq l-istess fond minghand il-genituri tieghu Giovanni u Angela Muscat skont testment datat 17 ta` Jannar 1957 redatt min-Nutar Nicola Said (Dok B), liema sehem imbaghad inqasam bejn l-attur u l-ghaxar hutu l-ohra wara li Francesco Muscat miet u halla gidu kollu f`porzjonijiet indaqs lil uliedu kollha li huma hdax, inkluz ukoll l-attur Nazzareno Muscat.*

*ii) huwa wiret ukoll sehem iehor, wkoll minghand missieru Francesco Muscat, wara li sehem ta` wiehed minn tmienja spettanti lil oht Francesco Muscat, u cioe` Giuseppa Muscat, xebba, mietet intestata u b`hekk sehemha ddevolva favur id-defunt missieru u s-sitt hutu l-ohra (cioe` z-zijiet tal-attur), liema sehem imbaghad inqasam bejn l-attur u l-ghaxar hutu l-ohra kif spjegat fil-paragrafu precedenti.*

*Illi minkejja li l-atturi huma ghaldaqstant sidien ta` varji porzjonijiet indivizi tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq, il-konvenuti qed jitolbu l-izgumbrament tal-atturi minn dan l-istess fond abbazi tal-allegazzjoni li l-fond qed ikun okkupat mill-atturi bla ebda titolu validu fil-ligi, mentri huwa car li l-atturi ghandhom titolu ta` koproprjeta` fuq dan il-fond.*

## III. <u>It-talbiet attrici fil-kawza fl-ismijiet "Nazzareno Muscat et vs Mariano Farrugia et" (Rik. Gur. Nru. 1211/11 JZM)</u>

It-talbiet tal-atturi kienu sabiex il-Qorti :-

*1) tiddikjara li l-atturi ghandhom titolu ta` koproprjeta` tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq.*

*2) U ghalhekk tiddikjara li l-konvenuti m`ghandhom l-ebda dritt jitolbu l-izgumbrament tal-atturi mill-fond imsemmi.*

**IV. <u>Il-premessi tal-atturi fil-kawza tal-lum</u>**

Il-premessi attrici fil-kawza tal-lum jaqraw hekk :-

*1. Premess illi l-intimati huma l-unici werrieta ta` Emanuel u Victor ahwa Muscat li mietu fit-22 ta` Dicembru 1992 [Dok. NM1] u 28 ta` Ottubru 1994 [Dok. NM6] rispettivament, ulied ta` John u Angela mizzewgin Muscat;*

*2. Premess illi l-wirt ta` Emanuel Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Dicembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit pace [Dok. NM2] filwaqt li l-wirt ta` Victor Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Dicembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace [Dok. NM7];*

*3. Premess illi l-intimat Nazzareno Muscat huwa wkoll wiehed mill-werrieta ta` missieru Francis Muscat li miet fis-27 ta` April 1991 [Dok. NM15], iben ta` John u Angela mizzewgin Muscat;*

*4. Premess illi Angela Muscat mietet fis-17 ta` Marzu 1974 [Dok. NM18] filwaqt li zewgha John Muscat miet fil-11 ta` Awissu 1961 [Dok. NM21] u kellhom tmint itfal, fosthom Emanuel, Victor u Francis ahwa Muscat;*

*5. Premess illi l-kontendenti ghandhom kollha sehem mill-wirt ta` John u Angela mizzewgin Muscat li l-wirt taghhom huwa regolat minn testment datat 17 ta` Jannar 1957 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Nicola Said [Dok. NM24];*

*6. Premess illi John u Angela mizzewgin Muscat kienu wkoll in forza ta` l-imsemmmi testment hallew prelegat favur uliedhom Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat ir-razzett b`gardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq tal-Macina kontrada tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta` Zitellu;*

*7. Premess illi l-wirt ta` John u Angela mizzewgin Muscat qatt ma nqasam u r-rikorrenti jridu li ssir il-qasma ta` dak kollu li hemm in komun inkluz ir-razzett u gardina li kienet thalliet bi prelegat lil Emanuel, Victor u Giuseppa ahwa Muscat;*

*8. Premess illi l-intimati debitament interpellati sabiex jersqu ghall-qasma naqsu u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri.*

## V. It-talbiet attrici fil-kawza tal-lum

L-atturi talbu lill-Qorti sabiex :-

*1. Tillikwida l-assi konjugali ta` John u Angela mizzewgin Muscat.*

*2. Tordna d-divizjoni tal-assi f`zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta` John Muscat u l-ohra lill-assi partikolari ta` Angela Muscat.*

*3. Tillikwida l-assi partikolari ta` John Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.*

*4. Tillikwida l-assi partikolari ta` Angela Muscat u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f`dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza.*

*5. Tiddividi l-gid bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha.*

*6. Tiddividi r-razzett b`gardina mieghu li jinsab fil-limiti taz-Zurrieq fit-triq tal-Macina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjah ta`*

*Zitellu, bejn l-intimati bhala werrieta ta` Emanuel u Victor ahwa Muscat, u r-rikorrenti bhala l-werrieta ta` Giuseppa Muscat u l-werrieta wkoll ta` Francis Muscat, minn liema wirt l-intimat ghandu sehem ukoll.*

*7. Tinnomina, jekk ikun hemm bzonn, perit tekniku ghal finijiet ta` likwidazzjoni u thejjija ta` pjan ta` divizjoni.*

*8. Tinnomina nutar sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.*

*9. Tordna l-bejgh b`licitazzjoni ta` dak kollu li m`huwiex kommodament divizibbli, bl-ammissjoni ta` oblaturi estraneji.*

## VI. <u>Dritt</u>

Il-konvenuti qeghdin jitolbu r-rikuza tal-Imhallef sedenti abbazi tal-**<u>Art 734(1)(d) tal-Kap 12</u>**.

Id-disposizzjoni hija komposta minn zewg sub-paragrafi u proviso.

Is-sub-paragrafu (i) ighid :-

*Jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga li ghandha x`taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha.*

Huwa evidenti li s-sub-paragrafu (i) mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum – kif irrimarka d-difensur tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Is-sub-paragrafu (ii) ighid :-

*jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew arbitru :*

*Izda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia.*

Il-konvenuti qeghdin isostnu t-talba taghhom abbazi tas-sub-paragrafu (ii).

## VII. <u>Gurisprudenza</u>

Dwar l-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12, kien rilevat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru 1967 fil-kawza "**<u>Carmelo Gauci vs Giorgio Gatt et</u>**" illi :-

*"Gie dejjem ritenut illi l-kazijiet li fihom Imhallef jista` jastjeni jew jigi rikuzat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Gie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "il-kawza" fid-disposizzjoni hawn fuq citata jirriferixxu ghall-istess kawza li fiha tkun inghatat id-decizjoni precedenti …*

*Imhallef jista` jigi rikuzat f`kawza meta din tkun ga giet quddiemu bhala Imhallef. Izda d-decizjoni tieghu f`dik il-kawza trid tkun tinvolvi l-istess meritu f`liema huwa ga ppresjeda. Jekk il-mertu jkun differenti l-espressjoni da parti tal-imhallef ta` opinjoni dwar il-provi migbura mill-parti fil-kawza precedenti ma tassoggettahx ghall-possibilita` ta` rikuza."*

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Marzu 1996 fil-kawza "**<u>Dr Alfred Mifsud vs Onor Prim` Ministru et</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istess disposizzjoni :-

*Kif osservat mill-Imhallef Xuereb fis-sentenza 'Caruana vs De Piro' (15 ta` Mejju 1889 a Vol XII p.241) l-uzu fil-ligi tal-kelma 'kawza' preceduta mill-artikolu determinattiv ('il-kawza') juri li **<u>l-ligi kkontemplat kawza determinata li ma tistax tkun hlief il-kawza pendenti</u>**, molto piu` in vista tal-kliem spjegattivi aggunti mil-ligi riferibbilment ghal-limitazzjoni tal-kazijiet ta` rikuza ghall-Imhallef li jkun 'qata' definittivament l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet …* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Fil-provvediment li tat fis-17 ta` Novembru 2014 fil-kawza "**<u>L-Imhallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim Ministru et</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*9. Illi tabilhaqq ir-ragunijiet li ghalihom gudikant jista` jigi rikuzat milli jkompli jisma` kawza huma biss dawk li l-ligi nnfisha ssemmi u, f`kazijiet eccezzjonali, ragunijiet ohrajn serji li jwasslu bhala xierqa u f`posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuza. L-istitut tar-rikuza jew tal-astensjoni huwa mahsub biex ihares l-ahjar interessi tal-gustizzja ...*

*10. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuza jew l-astensjoni tal-gudikant jinbena fuq il-presuppost li l-gudikant li quddiemu titressaq kawza la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa –dmir tieghu u mhux semplici privilegg jew favur li huwa jisma` u jaqta` kull kawza li titressaq quddiemu. U l-fatt wahdu li l-ligi nnfisha taghti lil dak il-gudikant is-setgha li jqis jekk ghandux jilqa` jew le talba biex jastjeni mis-smigh ta` kawza ma ggibx lil dak il-gudikant daqslikieku sar wahda mill-partijiet fil-kawza ;*

*11. Illi d-disposizzjoni tal-Art 734(1)(d) tal-Kap 12 tghodd ghall-kaz fejn l-istess kawza terga` titqieghed quddiem il-gudikant rikuzat wara li kien ta sentenza fl-istess kawza, imma ma tghoddx fejn dik is-sentenza tkun qatghet impar parti mill-mertu u tkun ghadha quddiemu biex jiddeciedi talbiet ohrajn fil-mertu tal-istess kawza ;*

*12. Illi dik id-disposizzjoni ma tghoddx fejn id-decizjoni moghtija ma tkunx qatghet definittivament il-mertu tal-kawza u lanqas fejn il-kitba dwar il-kawza ma tkunx messet il-qalba fil-mertu tal-kwestjoni nvoluta ;*

*13. Illi l-enuncjazzjoni ta` principji legali minn Qormi f`sentenza taghha bla ma tkun ghaddiet biex tapplika dawk il-principji fil-kawza li jkollha quddiemha ma titqiesx bhala raguni tajba bizzejjed biex iggib fis-sehh it-thaddim tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodici Procedurali ;*

…

***17. Illi mill-banda l-ohra l-fatt li gudikant titressaq quddiemu kwestjoni legali f`kawza li dwarha jkun diga` ta d-decizjoni tieghu f`kawza ohra ma jgibx b`daqshekk raguni tajba biex dak il-gudikant jastjeni jew ikun rikuzat milli jkompli jisma` l-kawza ta` wara. Fl-ewwel lok, kull decizjoni tiddependi mhux biss mill-principji legali imma wkoll mill-fatti u c-cirkostanzi partikolari li jsawru l-kaz ; fit-tieni lok, il-fehma li gudikant ikun wera f`decizjoni tieghu ta` qabel tista` tiehu xejra ohra fid-dawl ta` argumenti godda li jistghu jitressqu quddiemha jew fid-dawl ta` zviluppi gurisprudenzjali jew dottrinali li jkunu sehhew minn dakinhar li kienet inghatat id-decizjoni ta` qabel*** (enfasi ta` din il-qorti).

## VIII. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti

**Dak illi wassal lill-konvenuti sabiex jipprezentaw ir-rikors taghhom hija s-sentenza li tat din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta` Lulju 2016 fil-kawza fl-ismijiet *Nazzareno Muscat et vs Mariano Farrugia et (Rik. Gur. Nru. 1211/2011).* Minn din is-sentenza sar appell, liema appell qieghed jistenna d-data tal-ewwel appuntament tas-smigh.**

Wara li qieset b`reqqa l-argumenti tal-konvenuti, din il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

1) Ghalkemm **<u>xi whud</u>** mill-partijiet fil-kawza bin-nru. 1211/2011 huma wkoll partijiet fil-kawza tal-lum, il-mertu tal-kawza bin-nru. 1211/2011 huwa divers minn dak tal-kawza tal-lum kif jirrizulta anke *ictu oculi* mill-premessi u mit-talbiet taz-zewg kawzi.

2) Fid-decizjoni li nghatat fil-kawza bin-nru 1211/2011 ma hemmx riferenza ghall-kawza tal-lum.

3) Is-sitwazzjoni prospettata mill-konvenuti, u mfissra mid-difensur taghhom waqt it-trattazzjoni tar-rikors, mhijiex tassattivament inkluza fid-disposizzjoni citata mill-konvenuti in sostenn tal-pretensjoni taghhom.

4) Id-decizjoni fil-kawza bin-nru 1211/2011 bl-ebda mod ma tincidi fuq il-mertu tal-kawza tal-lum.

5) Ladarba l-mertu tal-kawza bin-nru 1211/2011 huwa divers minn dik tal-lum, l-apprezzament tal-provi li sar f`dik il-kawza ma jistax jincidi fuq il-kawza tal-lum.

6) Ghall-fini tar-rikors taghhom, il-konvenuti mhux jilmentaw dwar xi decizjoni li diga` tat din il-Qorti fil-kawza tal-lum, izda qeghdin jilmentaw dwar decizjoni ohra li nghatat f`kawza ohra. Dak mhux bizzejjed biex isostni talba ghar-rikuza.

7) L-Imhallef sedenti ghadu ma tax decizjoni finali dwar il-mertu tal-kawza tal-lum.

8) Tal-lum mhuwiex kaz fejn l-istess kawza tpoggiet mill-gdid quddiem l-istess Imhallef sedenti wara li nghatat sentenza fl-istess kawza u dwar l-istess mertu.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors taghhom tat-13 ta` Settembru 2016.**

**L-ispejjez relatati ma` dan il-provvediment ghandhom jithallsu mill-konvenuti.**

**Tordna li l-kawza tibqa` tinstema` minn din il-Qorti hekk kif presjeduta.**

**Thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 28 ta` Novembru 2016 tissejjah fid-9.30 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**